REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/463

tat-30 ta' Jannar 2019

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-lista ta' entitajiet eżentati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(4) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni, skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' xi ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara li tkun saret in-notifika, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dan il-perjodu.

(2) Il-ftehim dwar il-ħruġ kif maqbul bejn in-negozjaturi fih arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għar-Renju Unit u fih, lil hinn mid-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit. Jekk dak il-ftehim jidħol is-seħħ, ir-Regolament (UE) 2015/2365, inkluż l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 2(2)(a) ta' dak ir-Regolament, se japplikaw għar-Renju Unit u fih matul il-perjodu ta' tranżizzjoni f'konformità ma' dak il-ftehim u se jieqfu japplikaw fi tmiem dak il-perjodu.

(3) Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni jista', fl-assenza ta' kwalunkwe dispożizzjoni speċjali, ikollu l-effett li l-eżenzjoni għall-membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u għal korpi ta' Stati Membri oħrajn li jwettqu funzjonijiet simili u għal korpi pubbliċi oħrajn tal-Unjoni inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha fl-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (UE) 2015/2365 mhux se tibqa' tapplika għall-bank ċentrali tar-Renju Unit u għal korpi oħrajn li jwettqu funzjonijiet simili u għal korpi pubbliċi oħrajn inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha fir-Renju Unit.

(4) Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tat-trattament internazzjonali tal-banek ċentrali u l-korpi pubbliċi inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha skont il-liġijiet li għandhom jiġu applikati fir-Renju Unit fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli wara l-ħruġ mill-Unjoni u ppreżentat il-konklużjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(5) Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li jenħtieġ li l-bank ċentrali tar-Renju Unit u l-korpi pubbliċi inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha jiġu eżentati mill-obbligu ta' rapportar skont l-Artikolu 4 u r-rekwiżiti ta' trasparenza fl-użu mill-ġdid skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2015/2365.

(6) L-awtoritajiet tar-Renju Unit taw assigurazzjoni dwar l-istatus, id-drittijiet u l-obbligi tal-membri tal-SEBĊ, inkluża l-intenzjoni tagħhom li jagħtu eżenzjoni komparabbli ma' dik prevista fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2015/2365, lil membri tal-SEBĊ u lil korpi ta' Stati Membri oħrajn li jwettqu funzjonijiet simili u lil korpi pubbliċi tal-Unjoni oħrajn inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha.

(7) Konsegwentement, il-bank ċentrali tar-Renju Unit u korpi oħrajn li jwettqu funzjonijiet simili u korpi pubbliċi inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha fir-Renju Unit jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista ta' entitajiet eżentati mniżżla fir-Regolament (UE) 2015/2365.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/2365 jiġi emendat kif xieraq.

(9) Il-Kummissjoni tkompli timmonitorja fuq bażi regolari t-trattament tal-banek ċentrali u l-korpi pubbliċi eżentati mill-obbligu ta' rapportar u r-rekwiżiti ta' trasparenza fl-użu mill-ġdid stabbiliti fil-lista fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2015/2365. Din il-lista tista' tiġi aġġornata fl-isfond tal-iżvilupp ta' arranġamenti regolatorji f'dawk il-pajjiżi terzi u b'kont meħud ta' kwalunkwe sors ġdid ta' informazzjoni. Tali valutazzjoni mill-ġdid tista' twassal għat-tneħħija ta' ċerti pajjiżi terzi mil-lista ta' entitajiet eżentati,

([1]) ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1.

(10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ bħala kwistjoni ta' urġenza u jenħtieġ li japplika mill-għada tal-jum li fih jieqaf japplika r-Regolament (UE) 2015/2365 għar-Renju Unit u fih.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2015/2365, jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) il-bank ċentrali u l-korpi oħra li jwettqu funzjonijiet simili u l-korpi pubbliċi l-oħra inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-għada tal-jum li fih ir-Regolament (UE) 2015/2365 jieqaf japplika għar-Renju Unit u fih.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER